– KAWZA GHALL-HLAS TA' SERVIZZI REZI –
– RELAZZJONI GURIDIKA –
– ONERU TA' PROVA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **136/2018**

**DATANET SECURITY SYSTEMS LIMITED**
[REG. NRU. C-30521]

***VERSUS***

**CREEK DEVELOPMENTS PLC**
[REG. NRU. C-50531]

B'Avviz tat-Talba introdott fid-9 ta' April, 2018, l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, hames mija u tlieta u disghin ewro (€1,593.00c) u dan wara li ppremettiet hekk:

Illi hija kreditrici tas-socjeta intimata fis-somma ta' elf hames mija u tlieta u disghin (€1593) rapprezentanti servizzi rezi mill-istess socjeta fuq inkarigu tas-socjeta intimata stess (fatturi hawn annessi u mmarkati Dok M21-Dok M25).

Illi minkejja li s-socjeta esponenti baghtet ittra ufficjali datata t-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) bin-numru 3179/2017 sabiex tersaq ghall-hlas, is-socjeta intimata baqghat inadempjenti. (hawn annessa u mmarkata Dok M26)

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara s-socjeta intimata debitrici tas-socjeta esponenti fl-ammont ta' elf hames mija u tlieta u disghin ewro (€1593)

2. Jordna s-socjeta intimata sabiex taghmel il-hlas tas-somma dovuta.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kollha, inkluzi tal-ittra ufficjali.

Il-konvenuta ressqet Risposta fl-10 ta' Mejju, 2018 (*a fol*. 12) fejn eccepiet hekk:

> 1. Illi preliminarjament qed jigi eccepit in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dan ghaliex kienet filfatt is-socjeta MPDS Limited li accettat l-inkarigu li tinstalla Sistema tas-CCTV b'specifikazzjonijiet pre-ezistenti u f'"bill of quantities" b'prezz globali li jikkomprendi dak "as required by specification". Is-socjeta rikorrenti, ghalkemm hi mmessija mill-istess azzjonisti u diretturi ta' MPDS Ltd ma kenitx inkarigata biex tinstalla jew taghmel manutenzjoni fuq is-sistema in kwisjtoni;
>
> 2. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-istess, is-servizzi rezi kienu mehtiega sabiex is-sistema tkun funzjonanti u kienu parti integrali mill-istallazzjoni xierqa tas-sistema u mhux servizzi minhabba tiswijiet li kienu mehtiega wara l-installazzjoni.
>
> Bl-ispejjez.

Permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Mejju, 2018 fl-atti tal-kawza numru 134/2018 fl-ismijiet «M.P.D.S. Limited v. Creek Developments Ltd » gie ordnat illi din il-kawza tinstema mit-Tribunal kif presedut (ara kopja tal-verbal relattiv a *fol.* 15). Fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018 il-partijiet qablu illi l-provi kollha rakkolti fil-kawza bin-numru 134/2018 ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-kawza odjerna (*a fol.* 17 tal-process tal-kawza numru 134/2018KCX).[1]

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa permezz ta' digriet datat 14 ta' April, 2020 (*a fol.* 121) moghti wara rikors kongunt prezentat mill-partijiet fl-4 ta' Marzu, 2020 (*a fol*. 120) u fl-udjenza tal-1 ta' Ottubru, 2020 (a *fol.* 136) il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni wara li d-difensuri tal-partijiet gharrfu lit-Tribunal illi m'ghandhomx sottomissjonijiet ulterjuri xi jressqu oltre dawk maghmula minnhom bil-miktub.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali, inkluz in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu deskritti b'dan il-mod.

[1] Ghalkemm il-provi rakkolti fi procediment wiehed intuza bhala materjal probatorju ghal procediment iehor, il-kawzi gew trattati u decizi *a se stante*.

Is-socjetà konvenuta kienet harget *tender* ghar-rinnovazzjoni tal-marina, liema *tender* kien intrebah minn Polidano Group.[2] Dan it-*tender* kien jinkludi l-installazzjoni ta' sistema ta' CCTV gewwa l-marina, li kellha tikkomprendi ghoxrin (20) camera u sistema ta' *recording* kif ahjar spjegat fid-dokument ta' *specifications*.[3] Hemm qbil bejn il-partijiet illi s-socjetà konvenuta kienet iddecidiet illi l-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV kellha tigi fdata f'idejn hadd iehor, peress illi Polidano Group ma kinitx qieghda tlahhaq ma' l-obbligazzjonijiet taghha. Jirrizulta illi ghalhekk is-socjetà konvenuta kienet minflok inkarigat lis-socjetà M.P.D.S. Limited sabiex taghmel dan ix-xoghol.[4] Is-socjetà konvenuta kienet hallset depozitu ta' 50% tal-prezz u sussegwentement hallset il-bilanc ta' rimanenti, sabiex b'kollox giet imhallsa s-somma globali ta' €79,717.50c, filwaqt illi ikkontestat pretiza ghal hlas li skont hi kien addizzjonali u arbitrarju, liema kontestazzjoni tifforma l-mertu tal-kawza bin-numru 134/2018 li qed tigi deciza llum.[5]

L-istanti kawza hija naxxenti minn tilwima bejn il-partijiet rigward il-hlas ta' ammonti fatturati mis-socjetà attrici li s-socjetà konvenuta tikkontendi li m'ghandhomx jithallsu l-ewwel nett ghaliex m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partjiet, u fi kwalunwke kaz ghaliex m'humiex dovuti ghaliex saru qabel max-xogholijiet formanti parti mill-appalt moghti lis-socjetà attrici gew kompletati u certifikati mill-inginier inkarigat mis-socjetà konvenuta u ma kinux xogholijiet ta' tiswija izda xogholijiet integrali ghall-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV.

Peress illi s-socjetà konvenuta ressqet eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet, it-Tribunal sejjer l-ewwel nett jezamina din il-materja prelimari, stante illi n-nuqqas ta' ezistenza ta' tali relazzjoni guridika igib fix-xejn l-azzjoni proposta mis-socjeta attrici.

Kif intqal fis-sentenza *in re* **Focal Maritime Services Company Limited v. Top Hat Company Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2008), "*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi*

[2] Kopja tad-dokument tat-*tender* qatt ma giet ezebita mill-partijiet.
[3] Ara Dok CD1 *a fol.* 40.
[4] Ara x-xhieda moghtija in kontro-ezami minn George Mercieca waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2019, *a fol.* 36.
[5] Ara l-fatturi mahruga mill-attrici *a fol.* 3 u *a fol.* 142 tal-process tal-kawza bin-numru 134/2018 u r-rendikont tal-hlasijiet imwettqa mill-konvenuta *a fol.* 143 tal-process tal-kawza bin-numru 134/2018.

*waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika*." Skond il-gurisprudenza fuq il-materja, relazzjoni guridika titnissel minn rapport bejn il-partijiet illi jaghti lok lil wiehed minn dawk il-partijiet li jenforza l-esekuzzjoni ta' obligazzjoni assunta mill-parti l-ohra. F'dan is-sens gie spjegat fis-sentenza *in re* **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Emanuel Grixti** (Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 2007) illi "*B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*."[6] Relevanti wkoll dak li gie deciz fis-sentenza *in re* **Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001), dwar il-grad ta' prova rikjest fir-rigward ta' determinazzjoni dwar ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet: "*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha*."

Registrati dawn il-ftit brani bhala introduzzjoni qasira tat-tematika fl-isfond ta' l-eccezzjoni preliminari mqanqla mill-parti mharrka, it-Tribunal jikkunsidra kif gej.

Il-konvenuta tikkontendi illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti f'din il-kawza l'ghaliex hija ghandha relazzjoni guridika solament mal-kumpannija M.P.D.S. Limited (li hija attrici fil-kawza numru 134/2018), liema relazzjoni guridika inholqot meta M.P.D.S. Limited accettat li tassumi l-appalt li kien originarjament inghata lil Polidano Group safejn dan kien jittrata s-sistema ta' CCTV. Skond il-konvenuta, M.P.D.S. Limited kellha obbligu li ssegwi l-process shih ta' installazzjoni tas-sistema u kienet responsabbli hi ghal problemi li ta' kull gimgha kienu jinqalghu fis-sistema installata minnha. It-tezi tas-socjetà konvenuta, ghalhekk, u fi kliem iehor, hija illi s-servizzi allegatament rezi mill-attrici kienu parti integrali mill-istallazzjoni tas-sistema li kienet inkarigu tal-kumpannija M.P.D.S Limited u li Martin Xuereb qieghed jipprova jinqeda bis-socjetà attrici sabiex jevita milli jhares l-obbligi assunti minn M.P.D.S. Limited.

---

[6] Ghal diskussjoni ulterjuri dwar il-kuncett ta' «relazzjoni guridika», u sa fejn jiswa ghall-finijiet tal-kaz odjern, wiehed hu mistieden jara d-decizjoni ta' dan it-Tribunal *in re* **Raymond Borg v. Vincent Vella et** tal-5 ta' Novembru, 2020.

Minn naha taghha l-attrici tikkontendi illi dan l-argument tal-konvenuta huwa infondat ghaliex l-inginier tas-socjetà konvenuta, cioè Johann Aloisio, kien iccertifika s-sistema installata minn M.P.D.S Limited bhala wahda funzjonanti u li tissodisfa l-ispecifikazzjonijiet ta' l-appalt. Hija targumenta, ghalhekk, li kwalunkwe xoghol li sar wara l-installazzjoni huwa xoghol addizzjonali, partikolarment ikkonsidrat illi dan kien dejjem frott ta' xi incident jew xi indhil ta' terzi.

Valjati l-argumenti u l-provi mressqa, it-Tribunal iqis illi din l-eccezzjoni preliminari (dwar karenza ta' relazzjoni guridika bejn il-kontendenti) m'hijiex misthoqqa u dang hall-motivi li gejjin.

Ghalkemm is-socjetà konventa tallega illi hija ghandha biss relazzjoni guridika mal-kumpannija M.P.D.S. Limited u li l-prezenti socjetà attrici qieghda tintuza ghall-konvenjenza, huwa car illi s-socjetà konvenuta kienet konsapevoli illi xogholijiet ta' tiswija fuq is-sistema installata kienu jsiru mis-socjetà attrici f'din il-kawza u mhux mill-kumpannija l-ohra, M.P.D.S. Limited. Dan tant illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta kienet accettat u hallset fattura mahruga mis-socjetà attrici (f'din il-kawza) datata 30 ta' April, 2015.[7] Relevanti wkoll illi fix-xhieda tieghu George Mercieca jghid illi "*gie mqabbad is-subcontractor li kienu l-MPDS* ***u d-DSS*** *biex jaghmlu s-CCTV system hekk kif kienet imnizzla fl-RFP.*"[8] [enfazi mizjuda].

Jirrizulta wkoll li qabel ma giet intavolata din il-kawza is-socjetà konvenuta qatt ma irrifjutat l-ezistenza ta' legam guridiku bejn il-partijiet u oggezzjonat ghall-hlas pretiz mill-attrici ghaliex ix-xoghol kien sar, skond hi, qabel ma giet iccertifikata l-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda hlas dovut ghal kwalunwke xoghol li sar peress illi, skond hi, sakemm tohrog ic-certifikazzjoni r-riskju kollha fir-rigward tal-oggett supplit huwa ta' l-appaltatur sakemm tohrog din ic-certifikazzjoni.[9] Però, fir-rigward tar-relazzjoni guridika ta' bejn il-partijiet, l-apprezzament ta' dan it-Tribunal jehtieg li jsir in relazzjoni mat-talbiet proposti u fid-dawl tal-provi prodotti mill-partijiet sabiex tigi ddeterminata l-utilità oggettiva bejn il-lezjoni ta' dritt affermat u t-tutela mitluba bid-domanda attrici. F'dan l-apprezzament, l-opinjoni personali tal-partijiet hija rrelevanti.[10]

---

[7] Ara l-ittra mibghuta mis-socjetà konvenuta lil dik attrici fit-2 ta' Dicembru, 2015, *a fol.* 124 tal-process tal-kawza bin-numru 134/2018. Kopja ta' din il-fattura tinsab ezebita *a fol.* 129 tal-process tal-kawza numru 134/2018.
[8] Ara x-xhieda ta' George Mercieca waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2019, a *tergo* ta' *fol.* 26.
[9] Ara x-xhieda ta' Johann Aloisio waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2019, *a fol.* 94 u waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2020, *a fol.* 115.
[10] Ara f'dan is-sens, *in re* **Josie F. Sant v. Alfio Leotta** (Appell Inferjuri, 30 ta' April, 2008).

Huwa car illi n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa frott tar-relazzjoni informali illi kellhom ma' xulxin u n-nuqqas taghhom illi jirriducu ghall-iskritt ir-relazzjoni ta' bejniethom sabiex jiddelinjaw b'mod inekwivoku l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet reciproci taghhom.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal però, ir-relazzjoni guridika ta' bejn il-partijiet tirrizulta sufficjentement mill-atti tal-kawza. Kif gie spjegat aktar 'il fuq, mhux biss il-partijiet semmew lis-socjetà attrici bhala wahda mis-socjetajiet li maghhom kienet inbdiet relazzjoni guridika meta spjegaw dwar kif l-attrici u s-socjeta M.P.D.S. Limited dahlu fix-xena, izda wkoll, u aktar importanti minn hekk, accettaw u hallsu fattura ohra mibghuta lilhom mis-socjetà attrici ghal xoghol li sar minnha fuq is-sistema ta' CCTV installata minn M.P.D.S. Limited. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, is-socjetà konvenuta ma tistax issa tirrifjuta jew tichad l-ezistenza assoluta ta' vinkolu guridiku bejn il-partijiet.

Minn dan isegwi illi din l-eccezzjoni hija nfondata u ghandha tigi michuda.

Trattata tali materja preliminari, issa t-Tribunal ser idur biex jezamina l-mertu tal-prezenti azzjoni.

Huwa indubitat illi galadarba l-attrici qed tallega illi hemm dovut lilha hlas mill-konvenuta, hija ghandha l-oneru illi tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi din il-pretiza taghha hija fondata.[11] Dan huwa hekk mhux biss ghax jinsab antikament maghruf fl-ordinament Malti illi "onus probandi incumbit ei qui dicit" u lanqas m'hu hekk solament ghax il-legislatur patriju jesprimih taht l-Art. 562 tal-Kodici ta' Prcedura Civili, izda huwa hekk wkoll l'ghaliex l-emissjoni ta' gudizzju serju dwar fatt, jew serje ta' fatti, irid necessarjament jitkejjel kontra u jissejjes dejjem fuq evidenza konkreta dwar tali fatt, jew serje ta' fatti. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha *in re* **GasanMamo Insurance Agency Ltd v. Korporazzjoni Enemalta**, deciza fit-12 ta' Novembru 2003, "*Huwa indiskutibbli illi preordinatament għall-esiġenzi tal-ġudizzju kull karattru proċesswali ta' kawża jesiġi li min jallega jrid jipprova l-fatti prinċipali jew sekondarji. Hekk tiddetta wara kollox norma importanti tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, ex-Artikolu 562*."

Is-socjetà attrici produciet bhala prova erbgha (4) fatturi li taghhom qieghda tappretendi hlas minghand il-konvenuta, ghall-ammont komplessiv ta' €1,593.00c. Kif digà kellu okkazzjoni jirrileva l-odjern Tribunal, l-effikacja ta'

---

[11] Ghal diskussjoni dwar l-oneru tal-prova f'kawzi civili ara, *inter alia*, is-sentenza ta' dan it-Tribunal *in re* **AMG Cold Stores Limited v. Barbuto Limited** (5 ta' Novembru, 2020).

fattura "*hi dipendenti mill-accettazzjoni tad-destinatarju u minn fatturi ohra ancillari u konkomitanti li jaghtuha valur u piz … f'kaz ta' opposizzjoni tad-debitur ghall-fattura invokata mill-kreditur, il-fattura ma takkwistax valur probatorju a se stante izda tkun semplici indizju li fuqu l-kreditur jehtieglu jissostanzja b'mezzi ulterjuri*."[12]

F'dan il-kaz, jigi osservat illi s-socjetà konvenuta m'hijiex qed tinnega illi x-xogholijiet iffatturati saru, u anzi fil-verità proprju taccetta u tammetti illi dawn ix-xogholijiet sehhew u twettqu. Ir-raguni ghalfejn is-socjetà konvenuta qed toggezzjona ghall-hlas ta' dawn il-fatturi hija ghaliex, skond hi, ix-xogholijiet indikati f'dawn il-fatturi kienu integrali ghall-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV illi kienet inkarigu tal-kumpanija l-ohra, M.P.D.S. Limited.

Wara li ezamina l-provi prodotti ghar-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan l-argument tal-konvenuta m'huwiex kompletament fondat.

Martin Xuereb spjega illi l-ewwel fattura tirrigwarda xogholijiet maghmula mis-socjetà attrici minhabba hsarat li graw ghaliex kien inharaq il-*cable* tan-*neutral*.[13] Din ix-xhieda tinsab korroborata mix-xhieda ta' l-Inginier Aloisio illi kkonferma fix-xhieda tieghu illi kien hemm *surge* ta' l-elettriku ghaliex kien iqala' l-*cable* tan-*neutral* u li kienu inharqu *camera* u *board.*[14] Rigward it-tieni fattura spjega illi f'din l-okkazzjoni huwa kien mar jispezzjona s-sistema ghal hsara potenzjali wara li kien mar id-dawl, filwaqt illi fir-rigward tat-tielet fattura xehed illi f'din l-okkazzjoni kien jehtieg li l-*cameras* ta' Pontoon D tigi *reset* ghaliex kienet tilfet il-*calibration* minhabba c-caqliq ta' l-arblu. Rigward l-ahhar fattura spjega illi f'din l-okkazzjoni kien jehtieg li jsir xi *reconfiguration* tas-*software* wara illi xi hadd kien ghafas xi haga bi zball u kkawza problema fis-*software* tas-sistema.[15] Xejn minn dan ma gie negat jew kontradett mill-konvenuta. It-Tribunal iqis illi xoghlijiet ta' tiswija okkazzjonati minn cirkostanzi lil hinn mill-, jew estraneji, ghall-installazzjoni tas-sistema ma jistghux jitqiesu bhala xoghlijiet integrali ghall-installazzjoni tas-sistema parti mill-inkarigu originarjament moghti lill-kumpannija l-ohra, M.P.D.S. Limited.

It-Tribunal jinnota illi fl-*email* mibghuta fis-26 ta' Frar, 2015, l-Inginier Johann Aloisio jghid illi s-sistema "*is up and running*" u fl-ebda hin ma jsemmi illi s-

---

[12] *vide* d-decizjoni *in re* **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta' Ottubru, 2019), li fiha diskussjoni tan-natura guridika ta' 'fattura', li ghaliha t-Tribunal jaghmel pjena referenza.
[13] Ara x-xhieda ta' Martin Xuereb waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2019, *a fol.* 76.
[14] Ara x-xhieda ta' Johann Aloisio waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2019, *a fol.* 36.
[15] Ara x-xhieda ta' Martin Xuereb waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2019, *a foll.* 71–72.

sistema kienet qed tkun aflitta minn problemi b'mod regolari.[16] Relevanti wkoll is-segwenti skambju bejn Johann Aloisio u George Mercieca:

> **Johann Aloisio**: "*The cctv equipment is up to spec, are all of them still working OK? If so, we can issue certificate.*"[17]
>
> **George Mercieca**: "*They are all working fine at the moment. The 2 issues that are outstanding are:*
> *Camera of Pontoon F is set to Black and White because there is a lot of red when set to colour.*
> *The setting to have the date and time on recording.*
> *Can you please issue the certification of the CCTV?"*[18]

Qabel dan l-iskambju ta' *emails,* il-problemi fis-sistema li jidher li kienet qed tirriskontra s-socjetà konvenuta kienu jinkludu ukoll "…*a couple of cameras (F gate and Pontoon O"…have been going off and we had to reset them*."[19] It-Tribunal ra wkoll illi fl-*email* mibghuta minn Johann Aloisio fis-7 ta' Mejju, 2015, dan kien qal illi, "*Ideally we settle these three items in your mail and you are happy, then we close off*." Fi kliem iehor, il-problemi riskontrati mis-socjetà attrici li kellhom x'jaqsmu ma' l-installazzjoni tas-sistema innifisha kienu limitati ghal dawn it-tlett kwistjonijiet, u cioè l-kuluri tal-*camera* ta' Pontoon F, *setting* sabiex jidhru l-hin u d-data fuq ir-*recordings u problema bil*-cameras ta' gate F u Pontoon O. Però, ix-xogholijiet fatturati mill-attrici, li huma mertu ta' din l-azzjoni, ma jidhrux illi huma relatati ma' dawn il-kwistjonijiet, u dan idghajjef tassew l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta illi x-xoghlijiet mertu ta' din l-azzjoni kienu xoghlijiet integrali ghall-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV.

Detto dan, wara li ezamina il-fatturi esebiti mill-attrici, u fid-dawl tal-provi prodotti f'din il-kawza u fil-kawza konnessa (procediment bin-numru 134/2018), it-Tribunal iqis illi hemm ammonti iffatturati mis-socjeta attrici illi m'ghandhomx jithallsu mis-socjeta konvenuta, u cioè:

**i.** Fil-fattura datata 21 ta' April, 2015 (Dok MZ3, *a fol.* 4), parti mix-xoghol iffatturat huwa "…*set up image stabilisation on cameras.*" Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan ix-xoghol huwa verament parti integrali mill-installazzjoni tas-sistema ta' CCTV, u ghalhekk ma huwiex xoghol ta' tiswija illi s-socjetà

[16] Ara l-email mibghut minn Johann Aloisio fis-26 ta' Frar, 2015 lil Martin Zerafa u George Mercieca *a fol.* 92 tal-process tal-kawza bin-numru 134/2018.
[17] Ara l-email mibghut minn Johann Aloisio fit-3 ta' Gunju, 2015, *a fol.* 94 tal-kawza bin-numru 134/2018.
[18] Ara l-email mibghut minn George Mercieca fit-8 ta' Gunju, 2015, *a fol.* 94 tal-kawza bin-numru 134/2018.
[19] Ara l-email mibghut minn George Mercieca fis-6 ta' Mejju, 2015, *a fol.* 106 tal-kawza bin-numru 134/2018.

konvenuta ghandha thallas lil dik attrici ghalih. Huwa car illi jekk il-*cameras* installati setghu jitilfu l-kalibrazzjoni taghhom minhabba c-caqliq tal-arbli li maghhom huwa imwahhlin dan ix-xoghol kellu jsir bhala parti mill-installazzjoni tas-sistema, sabiex tali installazzjoni tkun skond l-arti u s-sengha, u b'hekk ukoll kienet tigi evitata n-neccesità li ssir din it-tiswija. Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis illi l-ammont ta' €75.52c mitlub skond din il-fatturi m'ghandux ikun dovut mis-socjetà konvenuta;

**ii.** Fil-fattura datata 17 ta' Gunju, 2015 fejn qieghed jintalab il-hlas ta' €597.08c (Dok MZ5, *a fol.* 6), parti mix-xoghol iffatturat jikkonsisti fl-installazzjoni ta' "…*the camera accessories and UTP cable 90m*". Dan ukoll jidher illi huwa xoghol illi jifforma parti mill-installazzjoni tas-sistema u ghalhekk is-socjetà konvenuta ma tistax tigi pretiza illi thallas separatament ghalih. It-Tribunal jinnota illi s-socjetà attrici ma ressqet l-ebda prova sabiex tiggustifika ghalfejn kienet qieghda tohrog fattura ghall-installazzjoni tal-accesorji tal-*cameras,* u dan partikolament meta Martin Xuereb stess xehed illi s-socjetà attrici hija l-entita li taghmel *servicing*, u mhux l-installazzjonijiet.[20]

Ghalhekk, anke ghax munit b'diskrezzjoni ekwitativa, it-Tribunal iqis illi l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenuta lill-attrici huwa fis-somma ta' elf, mitejn u hamsin ewro (€1,250.00c), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 3179/2017 u cioè mis-16 ta' Novembru, 2017 (*a fol.* 8). Ghal finijiet ta' kjarezza, it-Tribunal jispjega illi wasal ghal dan l-ammont bis-segwenti mod:

**i.** Kif diga gie indikat, tnaqqset mill-ammont mitlub is-somma ta' €75.52c pretiza fil-fattura *a fol*. 4; u

**ii.** Mill-fattura *a fol*. 6 tnaqqas l-ammont ta' €266.68c, liema somma tirraprezenta in kwantu ghal €126.00c l-ammont fatturat ghall-installazzjoni tal-accessorji tal-*cameras,* in kwantu ghal €100.00c tnaqqis *arbitrio boni viri* ghall-*labour* fatturat fis-somma totali ta' €210.00c, u in kwantu ghal €40.68 it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ammont ta' €226.00c.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà konvenuta relattiva ghan-nuqqas ta' relazzjoni guridika u kif ukoll jichad it-tieni eccezzjoni, jghaddi biex jilqa' t-talbiet attrici u jordna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici is-somma ridotta ta'

[20] Ara l-affidavit ta' Martin Xuereb, *a fol.* 21 tal-kawza bin-nurmu 134/2018.

elf, mitejn u hamsin ewro (€1,250.00c), bl-imghax fuq tali ammont dekoribbli mis-16 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal 95% mis-socjetà konvenuta u in kwantu ghal 5% mis-socjetà attrici.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*